MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2008

Numru. 3/2008

Il-Pulizija
(Sp Johann J Fenech)
vs
Grazio Zammit, iben Angelo, imwieled Pieta’ fit-settembru, 1972

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-22 ta’ novembru, 2007 u fil-ġranet ta’ wara f’dawn il-Gżejjer, xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxuhom;
2. talli sar reċidiv b’diversi sentenżi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' ġunju, 2008 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti li l-valur tal-oġġetti misjuba fil-pussess ta' l-imputat hu ta' anqas minn €230 u li l-oġġetti kollha ġew mogħtija lura lil sidhom.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' ġunju,2008 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50 u 334(a) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' tlett mitt euro (€300).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------